MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Numru. 481/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**GEORGE BIGU**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha George Bigu ta' 29 sena, bin Ionel u Ileana imwieled fid-09/09/1983 gewwa Romania, residenti 21 Flt. 5, Wilga Street, Paceville, St. Julians u detentur tal-karta ta' l-identita Rumena numru GL604301

Gie akkuzat talli fid-19 ta' Mejju 2013 ghal habta tas-0230hrs gewwa Paceville, San Giljan;

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Hin u bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' € 2329.37 ghad-detriment ta' Rowena Pace;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MM3 u nnutat li l-imputat George Bigu m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c) u (f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat George Bigu, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat George Bigu ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat George Bigu jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat George Bigu l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------